A.L. --- tal-2026

# ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT

# (KAP. 549)

## Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta’ Emissjonijiet Industrijali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, il-Ministru responsabbli għall-ambjent, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, għamlet dawn ir-regolamenti li ġejjin:

**Titolu.**

**L.S.549.78.**

**1.** It-titolu ta’ dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta’ Emissjonijiet Industrijali u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Impjanti Kbar tal-Kombustjoni fir-rigward ta’ Emissjonijiet Industrijali, minn hawn 'il quddiem imsejħa r-“regolamenti prinċipali”.

**Jemenda regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.**

**2.** Is-subregolament (2) tar-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b’dan is-subregolament ġdid li ġej:

“(2) Dawn ir-regolamenti jimplimentaw parti mid-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Novembru 2010 dwar l-Emissjonijiet Industrijali (il-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis) u tad-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE dwar ir-rimi ta’ skart f’landfill kif emendata permezz tad-Direttiva 2024/1785/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ April 2024.”

**Jemenda regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.**

**3.** Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Fit-test Malti biss, fis-subregolament (4), il-kliem “Id-Direttur tal-Ambjent jew kull uffiċjal li jista’ jitqabbad minnu jista’ jippermetti derogi mill-limiti ta’ erbgħa u għoxrin siegħa u mija u għoxrin siegħa msemmija hawn fuq, fil-każ fejn fil-ġudizzju tiegħu:” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “L-awtorità kompetenti tista’ tippermetti derogi mil-limiti ta’ erbgħa u għoxrin siegħa u mija u għoxrin siegħa msemmija hawn fuq, fil-każ fejn fil-ġudizzju tagħha:”.

(b) Fit-test Malti biss, fis-subregolament (5), il-kliem “Id-Direttur tal-Ambjent jew kull uffiċjal li jista’ jitqabbad minnu jista’ jagħti”, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “L-awtorità kompetenti tista’ tagħti”.

(c) Fit-test Malti biss, fis-subregolament (6), il-kliem “Id-Direttur jew kull uffiċjal li jista’ jitqabbad minnu jista’ jagħti” għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem “L-awtorità kompetenti tista’ tagħti”.

DRAFT

(d) Fit-test Malti biss, fis-subregolament (7) tiegħu, il-kelma "lid-Direttur" għandha tiġi sostitwita minn "lill-awtorità kompetenti"

(e) Immedjatament wara subregolament (7) tiegħu, għandu jiżdied dan is-subregolament (8) ġdid li ġej:

"(8) L-awtorità kompetenti għandha tinnotifika minnufih lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deroga mogħtija skont is-subregolament (7), inkluż ir-raġunijiet li jiġġustifikaw id-deroga u l-kundizzjonijiet imposti."

**Jemenda regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.**

**4.** Is-subregolament (2) tar-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Konċentrazzjonijiet ta' diossidu tal-kubrit, ossidi tan-nitroġenu, trab u monossidu tan-nitroġenu għandhom jiġu mmonitorjati b'mod kontinwu:

Iżda l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li mhux rikjest il-monitoraġġ kontinwu f'dawn il-każijiet li ġejjin:

(a) għal impjanti ta' kumbustjoni b'ħajja ta' inqas minn 10,000 sigħat operattivi;

(b) għal diossidu tal-kubrit u trab minn impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu gass naturali;

(c) għal diossidu tal-kubrit minn impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu żejt b'kontenut magħruf tal-kubrit f'każijiet meta ma hemm ebda tagħmir ta' desulfurizzazzjoni ta' gass ta' skart;

(d) għal diossidu tal-kubrit minn impjanti ta' kombustjoni li jaħarqu l-bijomassa jekk l-operatur jista' jipprova li l-emissjonijiet tad-diossidu tal-kubrit ma jistgħu taħt ebda ċirkostanza jkunu ogħla mill-valuri tal-limitu tal-emissjonijiet preskritti."

**Jemenda regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.**

**5.** Ir-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali għandu jkunu sostitwit b'dan ir-regolament ġdid li ġej:

"**16.** L-operatur għandu jinforma lill-awtorità kompetenti dwar ir-riżultati tal-verifika tas-sistemi awtomizzati ta' kejl mingħajr dewmien mhux dovut."

**Iżid regolamenti ġodda 21A u 21B mar-regolamenti prinċipali.**

**6.** Immedjatament wara r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu dawn iż-żewġ regolamenti ġodda li ġejjin:

**Penali amministrattivi.**

"**21A.** L-awtorità kompetenti tista' alternattivament timponi penali amministrattivi skont l-Artikoli 80 u 81 tal-Att:

Iżda għall-aktar ksur serju mwettaq minn persuna ġuridika, l-ammont massimu tal-penali finanzjarji amministrattivi għandu jkun mill-anqas 3% tal-fatturat annwali tal-operatur fis-sena finanzjarja ta' qabel is-sena li fiha tiġi imposta l-multa."

**Kumpens.**

**21B**. (1) Meta jkun seħħ dannu għas-saħħa tal-bniedem bħala riżultat ta' ksur tal-miżuri nazzjonali adottati skont dawn ir-regolamenti, l-individwi affettwati għandhom id-dritt li jitolbu u jiksbu kumpens għal dak id-dannu mill-persuni fiżiċi jew ġuridiċi rilevanti.

DRAFT

(2) Ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali relatati mat-talbiet għal kumpens għandhom jitfasslu u jiġu applikati b'tali mod li ma jagħmlux l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens għal dannu kkawżat minn ksur skont is-subregolament (1) impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

(3) Azzjonijiet għal kumpens imsemmija fis-subregolament (1) jaqgħu bil-preskrizzjoni ta' sentejn. Tali perjodu m'għandux jibda jiddekorri qabel ma l-ksur ikun waqaf u l-persuna li titlob il-kumpens tkun taf jew raġonevolment tista' tkun mistennija li taf li hija ġarrbet dannu minn ksur skont is-subregolament (1)."

**Jemenda Skeda XIII tar-regolamenti prinċipali.**

**7.** Fl-Iskeda XIII tar-regolamenti prinċipali, il-paragrafu 5 għandu jiġi sostitwit b'dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"5. Kwalunkwe jum li fih ikunu invalidi aktar minn tliet valuri medji kull siegħa minħabba tħaddim ħażin jew minħabba manutenzjoni tas-sistema awtomizzata ta' kejl, għandu jkun invalidat. Jekk ikunu invalidati aktar minn għaxart ijiem f'sena għal dawn is-sitwazzjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha tesiġi li l-operatur jieħu miżuri adegwati biex itejjeb l-affidabbiltà tas-sistema awtomizzata ta' kejl mingħajr dewmien mhux dovut."

**Jemenda Skeda XIII tar-regolamenti prinċipali.**

**8.** Skeda XII tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra u sostitwita b'din l-iskeda ġdida li ġejja:

"**SKEDA XII**

**DEROGATIONS AS PER REGULATION 13**

**Notification of a temporary derogation from compliance with Large Combustion Plants Emission Limit Values.**

In view of the written request submitted by [person submitting the request] on behalf of [operator], dated [date], the competent authority, having examined all the information handed by [operator] together with the above-mentioned request, hereby allows for a derogation from [type of derogation to be applied to the plant] for the [name of plant] operated by [name of operator], having its registered address at [registered address of the operator], and subject to the IPPC Permit [IPPC permit number] issued on [date of issue of the permit], for a period not exceeding [time].

This derogation is subject to the following conditions:

| |
|---|
| |

For and on behalf of the competent authority,

[Signature]
[Name, SURNAME]
[Official title/position]
Date: [insert date]

Attached a copy of the request for derogation and technical information related to the case."

DRAFT